



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Jum għall-Protezzjoni tad-*Data*

Fit-28 ta' Jannar 1981, il-Kunsill tal-Ewropa adotta l-[Konvenzjoni 108](#), l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar il-protezzjoni tad-*data*. B'kommemorazzjoni ta' dan l-iżvilupp importanti ħafna, kull sena l-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, jiċċelebraw il-Jum għall-Protezzjoni tad-*Data* fit-28 ta' Jannar. L-iskop ta' dan il-jum, li huwa wkoll magħruf madwar id-dinja bħala l-Jum għall-Privatezza tad-*Data*, huwa li joħloq sensibilizzazzjoni u jipromwovi l-aħjar prattiki għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.

Fl-2018, il-firmatarji tal-Konvenzjoni qablu fuq protokoll emendatorju biex jaġġornawha. Fl-istess ħin, ir-[Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*](#) tal-UE, li ilu fis-seħħ mill-25 ta' Mejju 2018, sar il-qafas regolatorju uniku għat-trattament tad-*data* personali fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. Kemm il-[Konvenzjoni 108+](#) kif ukoll il-GDPR fihom dispożizzjonijiet dwar trasferimenti internazzjonali ta' *data*.